



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Marzu 2024
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0053(NLE)

7450/24
ADD 3

AELE 16
EEE 10
ISL 9
N 17
FL 11
PECHE 98

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Marzu 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 96 final ANNEX 3
Suġġett:	Anness 3 tal-Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein u r-Renju tan-Norveġja dwar Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028, il-Ftehim bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Unjoni Ewropea dwar Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028, il-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja u l-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Iżlanda

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 96 final ANNEX 3.

Mehmuż: COM(2024) 96 final ANNEX 3



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.3.2024
COM(2024) 96 final

ANNEX 3

ANNEX

tal-

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, l-Iżlanda, il-Prinċipat tal-Liechtenstein u r-Renju tan-Norveġja dwar Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028, il-Ftehim bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Unjoni Ewropea dwar Mekkaniżmu Finanzjarju Norveġiż għall-perjodu bejn Mejju 2021 u April 2028, il-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja u l-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Iżlanda

DOKUMENT MEHMUŻ III

PROTOKOLL ADDIZZJONALI TAL-FTEHIM
BEJN IL-KOMUNITÀ EKONOMIKA EWROPEA
U R-REPUBBLIKA TAL-IŻLANDA

L-UNJONI EWROPEA

u

L-IŻLANDA

WARA LI KKUNSIDRAW il-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda ffirmat fit-22 ta' Lulju 1972, u l-arranġamenti eżistenti għall-kummerċ tal-ħut u prodotti tas-sajd bejn l-Iżlanda u l-Komunità,

WARA LI KKUNSIDRAW il-Protokoll Addizzjonali tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Iżlanda dwar id-dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għall-perjodu 2014-2021 għall-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti ħut u prodotti tas-sajd, u b'mod partikolari l-Artikolu 1 tiegħu,

IDDEĊIDEW LI JIKKONKLUDU DAN IL-PROTOKOLL:

ARTIKOLU 1

1. Id-dispożizzjonijiet speċjali applikabbli għall-importazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea ta' ċerti ħut u prodotti tas-sajd li joriġinaw mill-Iżlanda huma stabbiliti f'dan il-Protokoll u l-Anness tiegħu. Il-kwoti tariffarji annwali mingħajr dazju huma stabbiliti fl-Anness ta' dan il-Protokoll. Dawn il-kwoti tariffarji għandhom japplikaw mill-jum li fih issir effettiva l-applikazzjoni proviżorja ta' dan il-Protokoll, skont il-proċeduri stabbiliti fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 4, sat-30 ta' April 2028.
2. Fi tmiem dan il-perjodu, il-Partijiet Kontraenti jivvalutaw il-ħtieġa li jinżammu d-dispożizzjonijiet speċjali msemmija fil-paragrafu 1 u, jekk meħtieġ, jirrevedu l-livelli tal-kwoti filwaqt li jitqiesu l-interessi rilevanti kollha.

ARTIKOLU 2

1. Il-kwoti tariffarji għandhom jinfetħu fil-jum li fih issir effettiva l-applikazzjoni proviżorja ta' dan il-Protokoll, skont il-proċeduri stabbiliti fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 4.
2. Il-volumi tal-kwoti tariffarji huma stabbiliti fl-Anness ta' dan il-Protokoll. L-ewwel kwota tariffarja għandha tkun disponibbli mid-data tal-applikazzjoni proviżorja ta' dan il-Protokoll sat-30 ta' April 2024. Mill-1 ta' Mejju 2024, il-kwoti tariffarji sussegwenti għandhom jiġu allokati kull sena mill-1 ta' Mejju sat-30 ta' April sa tmiem il-perjodu msemmi fl-Artikolu 1 ta' dan il-Protokoll.
3. Il-volumi tal-kwoti tariffarji li jkopru l-perjodu mill-1 ta' Mejju 2021 sal-applikazzjoni proviżorja ta' dan il-Protokoll għandhom jiġu allokati b'mod proporzjonali u jkunu disponibbli għall-bqija tal-perjodu msemmi fl-Artikolu 1 ta' dan il-Protokoll.
4. F'każ li l-kwoti tariffarji msemmija fl-Artikolu 1 ma jiġux eżawriti matul il-perjodu msemmi fl-Artikolu 1, u f'każ li protokoll sussegwenti li jistabbilixxi kwoti tariffarji mingħajr dazju għall-istess prodotti ma jiġix applikat b'mod proviżorju, l-importazzjonijiet mill-Iżlanda jistgħu jsiru għall-bqija tal-volum akkumulat tal-kwota ta' dawk il-kwoti tariffarji sa sentejn wara tmiem il-perjodu msemmi fl-Artikolu 1, iżda għal mhux aktar mill-applikazzjoni proviżorja ta' protokoll sussegwenti li jistabbilixxi kwoti tariffarji mingħajr dazju għall-istess prodotti.

ARTIKOLU 3

Ir-regoli tal-oriġini applikabbli għall-kwoti tariffarji elenkati fl-Anness ta' dan il-Protokoll għandhom ikunu dawk stabbiliti fil-Protokoll 3 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Iżlanda ffirmat fit-22 ta' Lulju 1972.

ARTIKOLU 4

1. Dan il-Protokoll għandu jiġi ratifikat jew approvat mill-Partijiet skont il-proċeduri rispettivi tagħhom. L-istrumenti ta' ratifika jew ta' approvazzjoni għandhom jiġu ddepożitati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
2. Il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara li jkun depożitat l-aħħar strument ta' ratifika jew ta' approvazzjoni.
3. Sakemm jitlestew il-proċeduri msemmija fil-paragrafi 1 u 2, dan il-Protokoll għandu jiġi applikat fuq bażi proviżorja mill-ewwel jum tat-tielet xahar wara d-depożitu tal-aħħar notifika għal dan l-għan.

ARTIKOLU 5

Dan il-Protokoll, imħejji f'oriġinal wieħed, bl-ilsien Bulgaru, Ċek, Daniż, Estonjan, Finlandiż, Françiż, Ġermaniż, Grieg, Inġliż, Irlandiż, Kroat, Latvjan, Litwan, Malti, Olandiż, Pollakk, Portugiż, Rumen, Slovakk, Sloven, Spanjol, Taljan, Ungeriż, Żvediż u İzlandiż, bit-test f'kull wieħed minn dawn it-testi jkun ugwalment awtentiku, għandu jiġi ddepożitat mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, li jibgħat kopja ċertifikata lil kull waħda mill-Partijiet.

Magħmul fi Brussell, dan il-jum....tal-2024.

Għall-Unjoni Ewropea

Għar-Repubblika tal-Iżlanda

ANNEX

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1 TAL-PROTOKOLL

Flimkien mal-kwoti tariffarji mingħajr dazju permanenti eżistenti, l-Unjoni Ewropea għandha tiftaħ il-kwoti tariffarji annwali mingħajr dazju li ġejjin għall-prodotti li joriġinaw mill-Iżlanda:

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodotti	Volum annwali (1.5-30.4) tal-kwota tariffarja f'piż nett sakemm mhux speċifikat mod ieħor ¹
0303 51 00	Aringi “clupea harengus, clupea pallasii” ffriżati ²	400 tunnellata
0306 51 00	Skampi “nephrops norvegicus” iffriżati, anki affumikati, kemm jekk bil-qoxra kif ukoll jekk le, inklużi awwisti bil-qoxra, imsajrin bil-fwar jew bit-togħlija fl-ilma	100 tunnellata
0304 49 50	Fletti friski jew imkessħin tar-redfish “sebastes spp.”	2 500 tunnellata
1604 19 92 1604 20 90	Preparazzjonijiet ta' bakkaljaw u ħut ieħor	2 000 tunnellata
0302 23 00 0302 24 00 0302 29 0302 59 90 0302 82 00 0302 89 50	Frisk jew imkessaħ Lingwata komuni (Solea spp.), Barbuni imperjali (Psetta maxima), Megrim (Lepidorhombus spp.) u pixxiċatt ieħor, minbarra fletti tal-ħut u laħam tal-ħut ieħor, Ħut mill-familji bregmacerotidae, euchlichthyidae, gadidae, macrouridae, melanonidae, merlucciidae, moridae u muraenolepididae, Raj u rebekkini (Rajidae), Petriċa kbira (Lophius spp.),	5 500 tunnellata

¹ Il-kwantitajiet għandhom jizziedu f'konformità mal-Artikolu 2, il-paragrafu 3 ta' dan il-Protokoll.

² Il-benefiċċju tal-kwota tariffarja ma għandux jingħata lill-merkanzija ddikjarata għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera fil-perjodu mill-15 ta' Frar sal-15 ta' Ġunju.

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodotti	Volum annwali (1.5-30.4) tal-kwota tariffarja f'piż nett sakemm mhux speċifikat mod ieħor ¹
0302 89 90	Ħut ieħor frisk jew imkessaħ, n.e.s.	
0302 32 00	Barbun tat-tbajja' (Pleuronectes platessa) iffriżat	
0303 39 85	Pixxiċatt iffriżat	
0303 59 90	Kavalli tal-Indo-Paċifiku ffriżati	
0303 69 90	Ħut iffriżat mill-familji bregmacerotidae, euchlichthyidae, gadidae, macrouridae, melanonidae, merlucciidae, moridae u muraenolepididae	
0303 82 00	Raj u rebekkini (Rajidae) iffriżati	
0303 89 90	Ħut iffriżat, n.e.s.	
0303 99 00	Pinnen, irjus, dnub, vexxiki tal-għawm tal-ħut iffriżat u ġewwieni ieħor li jittiekel tal-ħut	
03 04 43 00	Fletti friski jew imkessħin tal-pixxiċatt (Pleuronectidae, Bothidae, Cynoglossidae, Soleidae, Scopthalmidae u Citharidae)	
0304 44 90	Fletti friski jew imkessħin tal-ħut mill-familji bregmacerotidae, euchlichthyidae, gadidae, macrouridae, melanonidae, merlucciidae, moridae u muraenolepididae	
0304 46	Fletti friski jew imkessħin tal-pixxisinna	
0304 49 10	Fletti friski jew imkessħin tal-ħut tal-ilma ħelu	
0304 49 90	Fletti friski jew imkessħin ta' ħut ieħor, n.e.s.	
0304 95 10	Surimi ffriżati	
0305 39 10	Fletti tas-salamun immellaħ jew fis-salmura, iżda mhux affumikat	50 tunnellata
0305 42 00	Aringi affumikati	
0305 69 50	Salamun immellaħ biss jew fis-salmura	
0305 41 00	Salamun affumikat, inklużi fletti	

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodotti	Volum annwali (1.5-30.4) tal-kwota tariffarja f'piż nett sakemm mhux speċifikat mod ieħor ¹
0305 72 00	Irjus, dnub u vexxiki tal-għawm tal-ħut, affumikati, immnixxfin, immellħin jew fis-salmura	1 950 tunnellata
0305 79 00	Pinen tal-ħut u ġewwieni ieħor li jittiekel tal-ħut, affumikati, immnixxfin, immellħin jew fis-salmura	
0305 43 00	Troti affumikati (Salmo trutta, Oncorhynchus mykiss, Oncorhynchus clarki, Oncorhynchus aguabonita, Oncorhynchus gilae, Oncorhynchus apache u Oncorhynchus chrysogaster)	
0305 49 80	Ħut affumikat ieħor	
1604 11 00	Ħjar tal-baħar ippreparati jew ippreservati	
1604 20 10		
1605 62 00	Rizzi ippreparati jew ippreservati	

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-prodotti	Volum annwali (1.5-30.4) tal-kwota tariffarja f'piż nett sakemm mhux speċifikat mod ieħor ¹
0302 22 00	Barbun tat-tbajja' ("pleuronectes platessa") frisk jew imkessaħ	2 500 tunnellata
0302 59 20	Merlangu ("merlangius merlangus") frisk jew imkessaħ	
0304 49 10	Fletti friski jew imkessħin tal-ħut tal-ilma ħelu, n.e.s.	
0304 52 00	Laħam frisk jew imkessaħ, kemm jekk kapuljat kif ukoll jekk le, tas-Salmonidi	
0304 89 10	Fletti ffriżati tal-ħut tal-ilma ħelu, n.e.s.	
0305 69 80	ħut ieħor, immellaħ biss jew fis-salmura	
0304 82 90	Fletti ffriżati tat-trota "salmo trutta, oncorhynchus mykiss, oncorhynchus"	
0302 59 40	Molvi "molva spp." friski jew imkessħin	
0305 53 90	ħut imnixxef mill-familji Bregmacerotidae, Euclichthyidae, Gadidae, Macrouridae, Melanonidae, Merlucciidae, Moridae u Muraenolepididae, minbarra l-bakkaljaw	
0303 14 20	Trota "oncorhynchus mykiss" iffriżata, bl-irjus u l-garġi, imnaddfa	
0303 14 90	Trota "salmo trutta, oncorhynchus mykiss, oncorhynchus" iffriżati, fletti ffriżati tat-trota "oncorhynchus mykiss", li jiżnu aktar minn 400 gramma kull wieħed	
0304 82 10	Salamun tal-Atlantiku "salmo salar" frisk jew imkessaħ u salamun tad-Danubju	
0302 14 00	Salamun tal-Atlantiku "salmo salar" iffriżat u salamun tad-Danubju "hucho hucho"	
0303 13 00	Fletti friski jew imkessħin tas-salamun tal-Paċifiku "Oncorhynchus nerka, Oncorhynchus"	
0304 41 00	Fletti ffriżati tas-salamun tal-Paċifiku "Oncorhynchus nerka, Oncorhynchus"	
0304 81 00		

